MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' April, 2011

Numru. 1433/2010

Il-Pulizija
(Sp Sandra Zammit)
vs
Christian Bugeja, iben Costantino, imwieled Pieta' fis-16 ta' April, 1974, Karta ta' l-Identita numru 227274(M)
u
Donna Marie Stone, bint Philip Patrick, imwielda Pieta' fit-30 ta' Marzu, 1992, Karta ta' l-Identita numru 177292(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati:
1. talli f'Diċembru, 2010 u fix-xhur ta' qabel ġewwa il-fond numru 387, Triq l-Imdina, Ħal-Qormi kkomettew serq ta' diversi ġojjelli tad-deheb tal-valur ta' €3,000, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-persuna, bil-lok u bil-ħin;

2. talli saru reċidivi b'diversi sentenzi mogħtija lilhom mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu;
lil **Christian Bugeja**, waħdu:
3. talli kkometta reat li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn kien misjub ħati li kkometta reat u ġie kkundannat.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Frar, 2011 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
Lil **Christian Bugeja** u lil **Donna Marie Stone**, flimkien:
1. fl-artikoli 20, 261(ċ)(d)(e)(f), 267, 268, 269, 270, 279 u 280 tal-Kodiċi Kriminali;
2. fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;
3. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali; u
4. fl-artikoli 17, 20, 23, 23Ċ, 31, 523A u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
lil **Christian Bugeja**, waħdu:
a. fl-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali; u
b. fl-artikolu 28F tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Jannar, 2011 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' April, 2011 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' April, 2011 fejn il-parte ċivile ħafret lill-imputati.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat **Christian Bugeja** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ)(d)(e)(f), 267, 268, 269, 270 u 280 tal-Kodiċi

Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta fi stat bikri tal-kawża odjerna u l-parte ċivile ħafret lill-imputat. Għaldaqstant, tikkundannah għal piena ta' disa' xhur priġunerija. Rat is-sentenza tat-23 ta' April, 2009 fejn l-imputat kien ikkundannat għal piena ta' tlett xhur priġunerija sospiżi għal sentejn. Rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ta' tlett xhur priġunerija tibda sseħħ mill-lum stess. Issib lill-imputata **Donna Marie Stone** ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ)(d)(e)(f), 267, 268, 269, 270 u 280 tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputata ammetiet fi stat bikri tal-kawża odjerna u l-parte ċivile ħafret lill-imputata. Għaldaqstant, tikkundannaha għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputata tikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------